# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2009/907/PESK

## tat-8 ta' Diċembru 2009

## li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28 u 43(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-10 ta' Novembru 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja ([1]).

(2) Fid-dawl tal-esperjenza mill-ewwel sena tal-operazzjoni, jinħtieġu emendi għall-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK sabiex il-forza navali tal-Unjoni Ewropea tkun tista' tikkontribwixxi għall-monitoraġġ tal-attivitajiet tas-sajd 'l barra mix-xtut tas-Somalja.

(3) L-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja jkomplu jheddu t-tbaħħir fiż-żona u b'mod speċjali l-kunsinna tal-għajnuna tal-ikel lill-popolazzjoni tas-Somalja mill-Programm Dinji tal-Ikel.

(4) Għalhekk, huwa meħtieġ li l-operazzjoni tiġi estiża għal sena oħra.

(5) Fit-30 ta' Novembru 2009 l-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni 1897 (2009).

(6) L-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

a) fl-Artikolu 1, għandu jiġi miżjud il-paragrafu li ġej:

"3. Barra minn hekk, Atalanta għandha tikkontribwixxi għall-monitoraġġ tal-attivitajiet tas-sajd 'l barra mix-xtut tas-Somalja.";

b) fl-Artikolu 2, il-punt (f) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(f) tistabbilixxi kollegament u tikkoopera mal-organizzazzjonijiet u l-entitajiet, kif ukoll mal-Istati, li qed jaħdmu fir-reġjun għall-ġlieda kontra l-atti ta' piraterija u s-serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja, b'mod partikolari l-forza marittima 'Combined Task Force 150' li qed topera fil-qafas tal-operazzjoni 'Libertà Dejjiema';

(g) ladarba jkun sar progress suffiċjenti fuq l-art fil-qasam tal-bini tal-kapaċità marittima, inklużi miżuri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni, tassisti lill-awtoritajiet tas-Somalja billi tagħmel disponibbli data relatata mal-attivitajiet tas-sajd miġbura matul l-operazzjoni.";

c) fl-Artikolu 16, il-paragrafu 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-operazzjoni militari tal-UE għandha tintemm fit-12 ta' Diċembru 2010.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. BILDT

([1]) ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33.